IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2026
COM(2026) 44 final

2026/0027 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-konfront tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward id-determinazzjoni skont l-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar id-data minn meta l-Istati Membri jistgħu jipprovdu d-data personali skont l-Artikoli 537 ta' dak il-Ftehim lir-Renju Unit

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, sabiex l-Unjoni tagħmel dikjarazzjoni li tistabbilixxi d-data minn meta l-Istati Membru jistgħu jipprovdu data personali relatata mat-tiftix awtomatizzat tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi lir-Renju Unit, f'konformità mal-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn hawn 'il quddiem: ir-"Renju Unit"), min-naħa l-oħra.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ("il-Ftehim" jew "FKK")[1] jistabbilixxi l-bażi għal relazzjoni estensiva bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, f'żona ta' prosperità u ta' viċinanza tajba, ikkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni, b'rispett għall-awtonomija u s-sovranità tal-Partijiet. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Il-FKK jipprevedi kooperazzjoni bejn il-Partijiet dwar it-tqabbil awtomatizzat tal-profili tad-DNA, id-data dattiloskopika u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Madankollu, tali kooperazzjoni tista' tibda biss ladarba l-Unjoni tkun ivverifikat li r-Renju Unit ikun issodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 539 u fl-Anness 39 tal-FKK.

2.2. L-att previst tal-Unjoni

L-Artikolu 540(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Unjoni trid tiddetermina d-data minn meta l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu d-data personali relatata mat-tiftix awtomatizzat ta' data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi lir-Renju Unit skont it-Titolu II ("Skambji ta' data dwar id-DNA, il-marki tas-swaba' u r-reġistrazzjoni tal-vetturi") tal-Parti Tlieta tal-Ftehim.

Skont l-Anness 39 tal-Ftehim, il-Kunsill irid jadotta deċiżjoni abbażi ta' evalwazzjoni dwar jekk ir-Renju Unit issodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa għat-tiftix awtomatizzat tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Id-deċiżjoni trid tkun ibbażata fuq rapport ta' evalwazzjoni kumplessiv, li jiġbor fil-qosor ir-riżultati ta' kwestjonarju, żjara ta' evalwazzjoni u, meta jkun applikabbli, prova pilota.

Id-deċiżjoni se ssir vinkolanti, skont id-dritt internazzjonali, għar-Renju Unit permezz ta' dikjarazzjoni unilaterali mill-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 540(2) tal-Ftehim. Id-dikjarazzjoni unilaterali tal-Unjoni jeħtieġ li tiġi nnotifikata lir-Renju Unit.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Wara żjara ta' evalwazzjoni fir-Renju Unit mis-17 sal-20 ta' Ġunju 2025, it-tim ta' evalwazzjoni tal-UE kkonkluda fir-rapporti tiegħu li l-kooperazzjoni mar-Renju Unit dwar id-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti. Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2025 u witta t-triq għall-Kunsill biex jippermetti lill-Unjoni

[1] Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

tiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu data personali rigward data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi lir-Renju Unit kif imsemmi fl-Artikolu 540(2) tal-FKK.

Fid-dawl ta' li ntqal fuq, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi l-1 ta' Marzu 2026 bħala d-data minn meta l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu data personali rigward id-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi kif imsemmi fl-Artikoli 537 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, lir-Renju Unit.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernati. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[2].

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-Artikolu 540(1) u (2) tal-FKK jipprevedi li meta r-Renju Unit ikun issodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 539 u fl-Anness 39 tal-FKK, l-Unjoni għandha tiddetermina d-data minn meta l-Istati Membri jistgħu jipprovdu data personali rigward id-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi lir-Renju Unit. Filwaqt li determinazzjoni ta' dan it-tip hija att unilaterali tal-Unjoni u mhux att li jrid jiġi adottat minn xi wieħed mill-korpi stabbiliti mill-Ftehim, hija madankollu tipproduċi effetti legali. Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni li ssejjes dik id-determinazzjoni tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 218(9) TFUE, applikat b'analoġija.

L-effetti legali tad-dikjarazzjoni huma vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u jaqgħu kompletament fuq l-Unjoni, bħala parti fil-Ftehim. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva f'din il-kwistjoni.

Id-determinazzjoni tad-data rilevanti kif imsemmija fl-Artikolu 540(2) tal-Ftehim ma twassalx biex il-qafas ta' dak il-ftehim ikun issupplimentat jew emendat.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni dwaru f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

[2] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

Fir-rigward ta’ att previst li jkollu għadd ta’ objettivi simultanjament, jew li għandu bosta komponenti, li huma marbutin b’mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi legali sostantiva ta’ deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet legali korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-att previst għandu objettivi u komponenti fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u tal-kooperazzjoni tal-pulizija. Dawn l-elementi tal-att previst huma marbutin b’mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta tinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin: L-Artikoli 16(2) u l-Artikolu 87(2)(a) TFUE.

Il-Ftehim huwa vinkolanti għall-Istati Membri kollha bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689[3], li hija bbażata fuq l-Artikolu 217 TFUE bħala l-bażi legali sostantiva tagħha.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 87(2)(a) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta’ April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/689/oj).

2026/0027 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-konfront tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward id-determinazzjoni skont l-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar id-data minn meta l-Istati Membri jistgħu jipprovdu d-data personali skont l-Artikoli 537 ta' dak il-Ftehim lir-Renju Unit

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 87(2), il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn hawn 'il quddiem: "ir-Renju Unit"), min-naħa l-oħra (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021[1] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

(2) Skont l-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-Unjoni għandha tiddetermina d-data minn meta l-Istati Membri jistgħu jipprovdu d-data personali relatata mat-tiftix awtomatizzat ta' data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi lir-Renju Unit, abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni kumplessiv, li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-kwestjonarju, iż-żjara ta' evalwazzjoni u, meta jkun applikabbli, prova pilota.

(3) B'ittra tal-20 ta' Mejju 2024, ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni, permezz tal-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li kien implimenta l-obbligi imposti skont it-Titolu II tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fir-rigward tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Ir-Renju Unit għamel ukoll dikjarazzjonijiet u dożinjazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 0 tal-Anness 39 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u esprima li lest jiġi evalwat għall-iskambju ta' data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/689/oj).

(4) Fil-25 ta’ Ottubru 2024, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji relatati mal-iskambju awtomatizzat tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi lir-Renju Unit. Fil-11 ta’ Novembru 2024, ir-Renju Unit ipprovda t-tweġibiet tiegħu għal dak il-kwestjonarju lill-Kummissjoni. Dawn it-tweġibiet ġew ipprovduti lit-tim ta’ evalwazzjoni u ġew ippreżentati lill-Grupp ta’ Ħidma tal-Kunsill dwar l-Iskambju ta’ Informazzjoni tal-ĠAI u lill-Grupp ta’ Ħidma tal-Kunsill dwar ir-Renju Unit fit-13 ta’ Novembru 2024.

(5) Skont l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 4 tal-Anness 39 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kellha titwettaq prova pilota mir-Renju Unit ma’ Stat Membru tal-UE wieħed jew aktar li diġà jiskambjaw data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI[2] u 2008/616/ĠAI[3], ftit qabel jew ftit wara ż-żjara ta’ evalwazzjoni. Il-prova pilota tlestiet b’riżultati pożittivi ftit qabel iż-żjara ta’ evalwazzjoni.

(6) Skont l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 4 tal-Anness 39 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, ir-Renju Unit saritlu evalwazzjoni fir-rigward tat-tiftix awtomatizzat ta’ data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi mis-17 sal-20 ta’ Ġunju 2025. Ir-rapport ta’ evalwazzjoni kkonkluda li l-aspetti li jippermettu l-iskambju awtomatizzat ta’ data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi mal-Istati Membri skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Parti Tlieta, it-Titolu II u l-Anness 39, ġew implimentati sew fir-Renju Unit, fil-livelli legali, operazzjonali u tekniċi.

(7) F’konformità mal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 4 tal-Anness 39 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, ir-rapport ta’ evalwazzjoni kumplessiv, li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-kwestjonarju, iż-żjara ta’ evalwazzjoni u l-prova pilota, ġie ppreżentat lill-Kunsill fis-17 ta’ Ottubru 2025.

(8) Peress li r-Renju Unit issodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 539 u l-Anness 39 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, skont l-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jenħtieġ li l-Unjoni tiddetermina d-data minn meta l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu data personali rigward id-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi lir-Renju Unit kif imsemmi fl-Artikolu 537 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Data ta’ dak it-tip tista’ tiġi pprovduta mill-1 ta’ Marzu 2026. Jenħtieġ li l-Unjoni tinnotifika lir-Renju Unit b’din il-pożizzjoni fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja. F’dawk iċ-ċirkostanzi, huwa għaldaqstant xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-konfront tar-Renju Unit rigward id-determinazzjoni ta’ dik id-data.

(9) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa vinkolanti għall-Istati Membri kollha bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689, li hija bbażata fuq l-Artikolu 217 TFUE bħala l-bażi legali sostantiva tagħha.

(10) Id-Danimarka u l-Irlanda huma marbutin bl-Artikolu 540 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni li timplimenta l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

---

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta’ Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b’mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-data minn meta l-Istati Membri jistgħu jipprovdu d-data personali rigward id-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi skont l-Artikolu 537 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni lir-Renju Unit hija stabbilita fid-dikjarazzjoni unilaterali tal-Unjoni mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-Renju Unit għandu jiġi nnotifikat bil-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 1 fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja stabbilit bil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President